MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 610/2013

**Mobisle Communications Limited**
**(C-24655)**

**vs**

**Schembri Judith Victoria**
**(ID-739061M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u erbghin ewro u tnejn u tletin centezmu (€340.32c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz ta’ kommunikazzjoni numru 79775857 numru tal-kont A/C51094274,

moghtija mis-socjeta' attrici u dan skont kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati 'A' u 'B' u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti mehmuza mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati bhala Dok."A", Ftehim in konnessjoni mas-servizz bin-numru 79775857, Dok."B" Prospett in konnessjoni mas-servizz bin-numru 79775857, Dok "C" Estratt mir-Registru Elettorali l-aktar recenti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' riduzzjoni li giet ipprezentata mis-socjeta' attrici datata 12 ta' Marzu, 2014, li permezz taghha l-ammont mitlub gie ridott ghal mitejn u erbghin ewro u tnejn u tletin centezmu (€240.32c).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-

socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u erbghin ewro u tnejn u tletin centezmu (€240.32c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------